



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-ISTRATEĠIJA TAL- VERIFIKA

2009-2012

SOMMARJU

WERREJ

Paġna 3	Kelmtejn ta' qabel
Paġna 4 – 5	L-iffurmar tal-istrateġija
Paġna 6 – 9	Għan 1: Tkabbir massimu tal-impatt ġenerali tal-verifiki tagħna
Paġna 10	Għan 2: Żieda fl-effiċjenza billi nagħmlu l-aqwa użu mir-riżorsi tagħna



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

KELMTEJN TA' QABEL

Dan id-dokument huwa sommarju tal-Istrateġija tal-Verifika adottata mill-Qorti għall-perijodu 2009-2012. Billi tistabbilixxi dak li jrid jinkiseb fi żmien l-erba' snin li ġejjin biex twettaq il-Missjoni u l-Viżjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Qorti timmira li:

- tkabbar kemm jista' jkun l-impatt ġenerali mill-verifiki; u
- żżid l-effiċjenza permezz tal-aqwa użu tar-riżorsi.

Dan ifisser li rridu nibnu iktar fuq il-punti qawwijin tagħna u naħtfu l-opportunitajiet għal titjib mogħtija minn żviluppi esterni u mir-rakkomandazzjonijiet tal-peer review*, sabiex fi żmien erba' snin il-Qorti tkun f'pożizzjoni li turi li l-impatt tax-xogħol tal-verifika tagħha qiegħed jiżdied u li qiegħda tagħmel użu aħjar mir-riżorsi tagħha.

F'ambjent tal-verifika diffikultuż u li dejjem qiegħed jevolvi, il-Qorti teħtieġ tkun flessibbli u tirrevedi regolarment l-istrateġija tagħha stess sabiex tindirizza aħjar riskji u oqsma tal-verifika ġodda filwaqt li tagħti rapporti u opinjonijiet rilevanti, f'waqthom u ta' użu lill-partijiet interessati tagħha.

* FI-2007 l-Qorti talbet lil erba' istituzzjonijiet nazzjonali tal-verifika – l-Awstrija, il-Kanada, in-Norveġja u l-Portugall – biex iwettqu peer review.

Il-konklużjonijiet ewlenin ta' din l-evalwazzjoni magħmula bir-reqqa kienu li:

- il-Qorti twettaq xogħolha b'indipendenza u oġġettività;
- ir-rapporti tal-verifika tal-Qorti huma bbażati fuq evidenza tal-verifika suffiċjenti u xierqa, kif mitlub mill-Istandards Internazzjonali tal-Verifika; u
- il-partijiet interessati li kienu intervistati għandhom livell għoli ta' kunfidenza fir-rapporti tal-Qorti u ġeneralment jikkunsidrawhom bħala ġusti, fattwali u oġġettivi.


Madankollu, il-peer review indika wkoll oqsma fejn kien hemm lok għal żvilupp. L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet se jkun prijorità għall-Qorti.

Għal iktar informazzjoni dwar il-peer review: www.eca.europa.eu

L-IFFORMAR TAL-ISTRATEĠIJA


Il-punt ta' tluq tal-ippjanar strateġiku tal-Qorti huwa l-viżjoni u l-missjoni tagħha, li jiġu kkonvertiti f'għadd ta' objettivi strateġiċi ta' livell għoli, li jwasslu għal prospett ta' strateġija fuq erba' snin. Dan il-prospett tal-istrateġija jimmira li jkabbar kemm jista' jkun l-impatt ġenerali tal-verifika tagħna u jżid l-effiċjenza permezz tal-aqwa użu mir-riżorsi. L-istrateġija tal-verifika konsegwenti, ippreżentata f'dan id-dokument, hija l-bażi għall-programmi tax-xogħol annwali tagħna li jagħtu informazzjoni dettaljata dwar il-verifika tal-Qorti.

Billi jistabbilixxu dak li għandu jinkiseb fl-erba' snin li ġejjin, l-objettivi strateġiċi tagħna ġew ikkonvertiti f'azzjonijiet li jirriflettu l-valuri tagħna¹.



¹ Il-missjoni, il-viżjoni, il-valuri u l-objettivi strateġiċi tal-Qorti jinstabu fuq il-websajt tal-Qorti: www.eca.europa.eu

Il-Qorti twestaq verifiki u tipproduċi rapporti mfasla biex itejbu l-ġestjoni tal-fondi tal-UE u biex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE f'isem iċ-ċittadini tagħha. L-elementi ewlenin ikkunsidrati fl-iffurmar tal-istrateġija li tiggverna l-operazzjonijiet tal-Qorti huma kif ġejjin:



TKABBIR MASSIMU TAL-IMPATT

Titjib tal-ġestjoni tal-fondi tal-UE

Responsabbiltà ikbar tal-UE lejn iċ-ċittadini tagħha

ŻIEDA FL-EFFIĠJENZA

L-aqwa użu tar-riżorsi

GĦAN 1: TKABBIR MASSIMU TAL-IMPATT ĠENERALI TAL-VERIFIKI TAGĦNA

Għażla u tfassil effettiv u bl-añjar mod tal-verifiki

Il-Qorti twestaq il-verifiki tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi tal-Etika tal-IFAC¹ u tal-INTOSAI². Dan il-qafas metodoloġiku huwa l-bażi għall-għażla u t-fassil ta' kompiti tal-verifika.

Il-Qorti twestaq verifiki finanzjarji, ta' konformità (prinċipalment id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni jew id-DAS) u tal-prestazzjoni.

Sehem kbir mir-riżorsi tal-Qorti jintuża għall-verifika tad-DAS (li tipprovdi lill-partijiet interessati b'Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet) kif ukoll il-verifika tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FED) u l-verifiki annwali tat-28 aġenzija tal-Unjoni.

L-għanijiet tal-verifika li għandhom jinkisbu matul il-perijodu 2009-2012 għar-Rapporti Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Baġit tal-UE huma:

AFFIDABBILTÀ TAL-KONTIJET TAL-BAĠIT TAL-UE

L-għan huwa li jiġi evalwat:

- li l-kontijiet huma ppreparati skont ir-regoli;
- il-kompletezza u r-realtà tat-tranżazzjonijiet;
- il-kejl u l-valutazzjoni kif ukoll il-preżentazzjoni tat-tagħrif.

LEGALITÀ U REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

L-għan huwa li jiġi evalwat:

- kif l-Istituzzjonijiet Ewropej jirrilaxxaw il-funzjonijiet tagħhom dwar l-implimentazzjoni tal-baġit; u
- jekk it-tranżazzjonijiet (operazzjonijiet finanzjarji) ġewx irreġistrati sew, u mwettqa u ġestiti legalment u regolarment.

Fl-2009 l-Qorti se taħtar grupp ta' riflessjoni intern biex jikkunsidra kif il-verifika tad-DAS tista' tkun żviluppata iktar.

¹ IFAC: Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (www.ifac.org)

² INTOSAI: Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (www.intosai.org)

Għax-xogħol tal-verifika tal-prestazzjoni tal-Qorti (li s-soltu huwa ppubblikat f'Rapporti Speċjali), l-analiżi tar-riskju se tkun iktar speċifika għall-oqsma tal-politika varji. Għalkemm xi riskji għall-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività tan-nefqa tal-UE, b'hal regoli kkomplicati, huma komuni għal partijiet differenti tal-baġit tal-UE, hemm ukoll differenzi sostanzjali minħabba l-mod kif il-programmi huma stabbiliti u ġestiti. Matul l-2009-2012 il-Qorti se:

- tkabbar kemm jista' jkun ir-relevanza ta' dawn il-verifiki għat-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji u ta' ġestjoni; u
- tuża l-firxa sħiħa ta' tekniki tal-verifika tal-prestazzjoni (abbażi tal-manwal tal-verifika tal-prestazzjoni tal-Qorti).

Il-Qorti bi ħsiebha twestaq verifiki tal-prestazzjoni ta' oqsma tal-politika ta' nfiq kbir kif ukoll timmira li tkopri oqsma oħra skont il-livell ta' riskju u l-grad ta' interessi tal-partijiet interessati; L-għanijiet ewlenin tal-verifika li għandhom jinkisbu matul l-2009-2012 għall-oqsma tal-politika differenti jintwerew hawn taħt:

PREŻERVAZZJONI U ĠESTJONI TA' RIŻORSI NATURALI

L-għan huwa biex:

- tlesti l-verifika tal-premiums ta' għajnuna prinċipali u tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll kollha.
- tevalwa bosta aspetti fl-intersezzjoni ta' għanijiet ambjentali u agrikoli;
- tevalwa l-kisba ta' għanijiet ta' bidla strutturali f'ċerti miżuri fl-iżvilupp rurali; u
- tevalwa l-proċeduri għall-approvazzjoni u l-irkupru ta' fondi fi ħdan il-PAK.

POLITIKA STRUTTURALI, TRASPORT, RIĊERKA U ENERĠIJA

L-għan huwa biex:

- tkompli tevalwa l-effettività/effiċjenza tal-programmi li qegħdin joperaw f'setturi (ekonomiċi) varji;
- teżamina l-proċeduri tal-Kummissjoni għall-evalwazzjoni tal-impatt ta' leġiżlazzjoni fil-futur (eż. fil-kuntest tal-inizjattiva tar-"Regolamentazzjoni Aħjar") u għall-evalwazzjoni tal-impatt ta' programmi u politika;
- tevalwa l-mudell ta' ġestjoni tan-nefqa tal-RTD (Is-Seba' Programm Qafas) sabiex tagħti kontribut għal iktar żviluppi;
- tevalwa l-programmi kbar tal-2007-2013 fil-ħin sabiex tinfluwenza deċiżjonijiet għall-perjodu li jmiss;
- tevalwa l-effettività tal-arranġamenti ta' rkupru u ta' għeluq għall-2000-2006 fil-qasam tal-Koeżjoni.

AZZJONIJIET ESTERNI

L-għan huwa li tevalwa :

- il-politika u l-ipprogrammar tal-Kummissjoni f'bosta oqsma, bħall-għajnuna umanitarja (inkluża rabta mal-għajnuna għall-iżvilupp);
- ir-riżultati u l-impatt f'oqsma ta' prijorità ta' negozju u żvilupp kif ukoll għajnuna ta' qabel l-adeżjoni; u
- l-implimentazzjoni permezz ta' imsieħba implimentattivi (eż. NGOs) kif ukoll l-effiċjenza tal-organizzazzjoni, il-proċeduri, il-metodi, il-ġestjoni u r-rappurtar tar-riżultati tas-servizzi tal-Kummissjoni.

ATTIVITAJIET BANKARJI, NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI KOMUNITARJI, POLITIKA INTERNI

L-għan huwa biex:

- twestaq verifiki li jagħtu bażi għal ġestjoni finanzjarja itjeb, iktar trasparenza, titjib fir-regolamenti rilevanti;
- tevalwa s-sorveljanza tal-Kummissjoni ta' eż. bankjar, kapital ta' riskju u programmi tal-SMEs.
- tirrapporta regolarment dwar ir-riżultati ta' evalwazzjonijiet rikorrenti u speċifiċi tal-prestazzjoni u t-twassil ta' riżultati mill-Aġenziji;
- tevalwa l-effettività tal-implimentazzjoni ta' programmi u strutturi ta' sorveljanza u kontroll mill-Kummissjoni.

DĦUL

L-għan huwa li tevalwa :

- jekk l-ammont ta' dħul dovut huwiex stabbilit, trasferit għal u rreġistrat fil-baġit tal-UE b'mod korrett;
- it-trasferiment f'waqt u korrett tar-riżorsi proprji tradizzjonali lejn il-baġit tal-UE;
- il-korrettezza tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri;
- is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Kummissjoni marbuta mal-kalkolu u l-ġbir ta' riżorsi bbażati fuq il-VAT u fuq id-DGN.

Konklużjonijiet tal-verifika qawwijin u rakkomandazzjonijiet utli

Il-Qorti twettaq kontroll estensiv tal-kwalità tax-xogħol tal-verifika tagħha kollu. FI-2009-2012 il-Qorti tippjana li:

- tkompli tippromwovi kwalità għolja u prodott konsistenti; u,
- tintroduċi qafas ta' evalwazzjoni komuni għall-kwalità tal-verifika.

Firxa usa' ta' verifiki

Il-Qorti għandha lok uniku biex twettaq evalwazzjonijiet indipendenti u transversali tal-użu tal-fondi tal-Unjoni Ewropea. Sabiex nissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet tal-partijiet interessati tagħna nippjanaw li nwessgħu l-firxa ta' prodotti tagħna tal-verifika billi nwasslu:

- rapport lill-Kummissjoni l-ġdida dwar ir-riskji ewlenin li qiegħed jiffaċċja l-baġit tal-UE (2009);
- opinjonijiet dwar ir-Reviżjoni tal-Baġit;
- rapporti tal-verifika tal-prestazzjoni transversali (eż. l-ambjent, miżuri biex jgħinu lill-SMEs,...), preżentazzjoni tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-verifika konsolidati minn bosta oqsma ta' politika tal-UE;
- rapporti ta' konformità għal oqsma ta' riskju speċifiċi (eż. nfiq fuq il-koeżjoni, proċeduri ta' akkwist fl-istituzzjonijiet,...) abbażi tas-sejbiet tal-verifiki tad-DAS annwali tagħna; u
- rapporti ta' segwitu fuq azzjoni meħuda biex jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet mir-Rapporti Speċjali tal-Qorti.

Rapporti f'waqthom u utli

Se tingħata attenzjoni saħansitra ikbar għall-kwalità tal-abbozzar tar-rapporti tagħna, it-twaqqit tagħhom u sabiex inkabbru kemm jista' jkun l-utilità tagħhom għall-awtorità baġitarja. Il-Qorti se:

- twassal bejn 12 u 15-il rapport tal-verifika tal-prestazzjoni kull sena; u
- torganizza evalwazzjoni tas-siwi tar-rapporti tagħna mill-partijiet interessati prinċipali u tiġbor fehmiet indipendenti dwar il-kwalità tagħhom.

Komunikazzjoni effettiva mal-partijiet interessati

Il-Qorti għamlet sforzi kbar sabiex ittejjeb il-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet interessati matul dawn l-aħħar sentejn, pereżempju permezz tal-introduzzjoni ta' sit tal-internet ġdid, attivitajiet tal-media strutturati u t-titjib ta' materjal ta' informazzjoni. Il-Qorti se:

- ttejjeb iktar ir-relazzjonijiet mal-partijiet interessati prinċipali tagħha (bħall-Kumitati tal-Parlament Ewropew) billi żżomm kuntatti regolari;
- tibni relazzjonijiet fit-tul mal-media relevanti.

GĦAN 2: ŻIEDA FL-EFFIĊJENZA BILLI NAGĦMLU L-AQWA UŻU MIR-RIŻORSI TAGĦNA

Titjib tal-governanza

Il-Qorti hija istituzzjoni kolleġjali, iggvernata mis-27 Membru tagħha. Bħalissa qiegħda tirrevedi l-aħjar mod kif ittejjeb it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-ġestjoni, u d-direzzjoni u t-tmexxija mogħtija mill-kulleġġ lill-istituzzjoni.

Implimentazzjoni ta' politika tar-riżorsi umani effettiva u dinamika

Il-persunal tagħna huwa l-attiv prinċipali tagħna. Huwa essenzjali li niżguraw li niġbdu l-persunal xieraq u nallokawhom għall-kompiti xierqa. Il-Qorti se tfitex li tikseb żieda fil-grad ta' dħul għal awdituri b'esperjenza, tagħti prijorità lir-reklutaġġ għall-verifika tal-prestazzjoni, tiffaċilita r-reklutaġġ ta' esperti u żżid il-flessibbiltà fl-allokazzjoni tal-persunal.

Razzjonalizzazzjoni tal-kompiti tal-verifika

Se jittieħdu xi miżuri speċifiċi biex ikun jitkabbar kemm jista' jkun l-allinjament bejn il-ħtiġijiet tal-verifika u l-ġestjoni tar-riżorsi umani u b'hekk issir razzjonalizzazzjoni tal-mod kif jitwettaq ix-xogħol. Il-Qorti qiegħda tikkunsidra jekk għandhiex tafda l-verifika tal-kontijiet tal-Kummissjoni f'idejn tim iddedikat. Il-Qorti se twettaq reviżjoni sistematika tal-potenzjal għall-użu ta' esternalizzazzjoni ta' xogħol fil-verifika u għal kompiti amministrattivi.

Titjib tal-għodod tal-IT

L-assigurazzjoni li s-softwer tal-verifika huwa xieraq, iż-żieda ta' bġit elettroniku ta' dokumenti u ż-żieda fl-użu ta' verifika tal-IT huma inizjattivi biex jiżguraw li x-xogħol qiegħed jitwettaq kemm jista' jkun bl-iktar mod effiċjenti. L-għodod tal-IT se jkomplu jiġu żviluppati iktar biex itejbu l-komunikazzjoni interna u esterna.

Żvilupp ta' ħiliet professjonali

Il-Qorti tpoġġi l-oġġla prijorità fuq il-ħiliet professjonali tal-persunal tagħha. Il-Qorti se tintroduċi pjanijiet ta' żvilupp personali, ittejjeb il-ġestjoni tal-għarfien u l-mobilità interna tal-persunal u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' diploma fil-verifika, kontabilità u finanza tas-settur pubbliku.

Żvilupp ta' relazzjonijiet ma' dawk li qegħdin jiġu vverifikati

Il-Qorti se ttejjeb il-konsultazzjoni mal-Kummissjoni matul il-verifiki. Il-Qorti se ttejjeg lis-servizzi tal-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex iwieġbu fil-ħin għal sejbiet tal-verifika preliminari qabel l-adozzjoni tar-rapporti.

Rapport ta' Attività Annwali u Indikaturi tal-Prestazzjoni Ewlenin

Sabiex iżżid it-trasparenza u l-kontabilità, kif ukoll biex trawwem kultura orjentata fuq ir-riżultati, il-Qorti qiegħda tieġu bosta passi biex ittejjeb ir-rapportar dwar il-prestazzjoni tagħha stess u dwar is-sistemi ta' informazzjoni tal-ġestjoni tagħha. Fl-2008 l-Qorti ppubblikat l-ewwel Rapport ta' Attività Annwali tagħha (www.eca.europa.eu). Hija introduċiet ukoll sett ta' Indikaturi tal-Prestazzjoni Ewlenin (KPIs), li se jkunu ppubblikati gradwalment f'Rapporti ta' Attività Annwali li ġejjin. Matul l-2009-2012 l-Qorti se tirrevedi l-proċeduri ta' monitoraġġ u s-sistemi ta' informazzjoni tal-ġestjoni tagħha.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-Istituzzjoni tal-UE mwaqqfa bit-Trattat sabiex twettaq il-verifika tal-finanzi tal-UE. Bħala l-awditur estern tal-UE, hija tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE u taġixxi bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Il-Qorti, komposta minn 27 Membru u b'persuna ta' 880, b'baġit operazzjonali għall-2009 ta' EUR 132 miljun, taġti servizzi ta' verifiki li permezz tagħhom hija tevalwa l-ġbir u l-infiq tal-fondi tal-UE. Hija teżamina jekk l-operazzjonijiet finanzjarji ġewx irreġistrati u murija tajjeb, imwettqa legalment u regolarment u ġestiti sabiex jiżguraw ekonomija, effiċjenza u effettività. Il-Qorti tikkomunika r-riżultati tal-verifiki tagħha f'rapporti ċari, relevanti u oġġettivi. Hija taġti opinjoni wkoll dwar kwistjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja.

Il-Qorti tippromwovi r-responsabbiltà u t-trasparenza u tgħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, partikolarment matul il-proċedura ta' kwittanza. Il-Qorti hija impenjata biex tkun organizzazzjoni effiċjenti quddiem nett fl-iżviluppi fil-verifika u fl-amministrazzjoni pubblika.



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

Għal iktar informazzjoni:

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
12, Rue Alcide De Gasperi
L-1615 Luxembourg
e-mail: euraud@eca.europa.eu
www.eca.europa.eu